MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43

13 ta' Awwissu 2018

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
MARISA ABELA – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Il-Laqgħa bdiet fil-ħin. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa bl-eċċezzjoni tas-Sinjura Marisa Abela li kienet tinsab imsiefra.

## 43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

43.1.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tas-Sinjura Abela. Din ġiet aċċettata.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

43.2.1 Il-minuti ġew approvati .

## 43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

43.3.1 Triq Sant'Anton u l-polemika li nqalgħet fuq fb. Hu qal li din bdiet bil-kostruzzjoni ta' bankina u tneħħija ta' parkeġġ in-naħa tal-Kitchen Garden. Kulħadd beda jilmenta li l-bankina ġiet dejqa wisq imma fir-realta' dejqa u mhix l-Kunsill mexa fuq struzzjoniiet ta' Transport Malta. Is-Sur Cassar propona li jsiru tabelli *Pedestrian Priority*. Kulħadd qabel. Is-Sinjura Scerri qalet li l-bankina iktar 'l isfel diżastru u ma jkunux jistgħu jimxu b'*wheelchair* fuqha. Is-Sur Cassar qal li l-egħruq problema imma jeżistu mezzi kif dawn jitbaxxew forsi mhux b'ħafna kumplikazzjonijiet ħabba spejjez. Is-Sur Cordina talab li tinġab kwotazzjoni.

43.3.2 Imejl li rċieva mingħand Joe Micallef rigward inizjattiva sabiex ikunu jistgħu japplikaw l-ewwel 300 resident ta' Ħ'Attard b'xejn għall-Attard 5K u jingħataw medalja kommemorattiva *surplus* minn tal-aħħar edizjoni ta' Frar. Ħadd ma kellu oġġezzjoni.

## 43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

43.4.1 Is-Sur Alfred Zammit saqsa:

- Meta ħa jitnaddaf Wied Irmiedi u jekk jistax jitnaddaf iktar spiss?
- L-iskips ta' ħdejn il-Knisja x'se jsir minnhom għax vera koroh fl'għajnejn. Is-Sur Cordina qal li l-iskips huma dawk li huma, imma m'hemmx x'tagħmel.
- Fuq il-plot fi Triq il-Pitkali sabiex jingħata l-karti u jipprova jieħu azzjoni hu. Se jerga' jsir rapport.
- Fuq il-bozza ħa jcempel ġurnata oħra.

43.4.2 Is-Sur John Debono saħħaq fuq:

- Li l-bankina fi Triq Sant'Anton quddiem l-entratura tal-Ġnien tiġi għad-dritt mal-kumplament tal-bankina. Se jintalab permess lil Transport Malta.

43.4.3 Is-Sinjura Connie Scerri:

- Talbet biex titnaddaf l-*area* quddiem is-*substation* fi Triq B'Kara.

43.4.4 Is-Sur R. Azzopardi propona li:

- Jsir bank, bozza u wifi fil-Gardina tal-Gibjun. Is-SE qalet li bozza fil-passaġġ hemm imma rigward wifi u bank ħa tara jistgħux isiru.

## 43.5 Rapporti

43.5.1 Ma kienx hemm iktar rapporti

## 43.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

43.6.1 Talba mingħand G& G Supermarket sabiex tinqala' siġra tal-*brazilian pepper* minħabba li ġiet quddiem l-entratura tal-i*store* tal-ħanut. Il-Kunsill ma qabilx li titneħħa minħabba li din is-siġra mhix tostakola u l-affarijiet xorta jistgħu facilment jitnizzlu mill-ġenb bla problema ta' xejn.

43.6.2 Skema Librerija: approvat l-ammont ta' €700 taħt din l-iskema.

43.6.3 Approvata l-istima ta' €800 sabiex issir attivita' b'kollaborazzjoni mal-Każin tas-Sej għal żmien il-festa. Kulħadd qabel.

## 43.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

43.7.1 Approvati wara li saru mistoqsijiet mis-Sur Zammit fuq linji 15 u 16 pagament lis-Sur Charles Gauci, 28 pagament ta' xogħolijiet lis-Sur Joseph Tabone u 47 pagament lil Veladrians, ġbir ta' ħaxix. Talab sabiex il-Ġbir ta' ħaxix jiġi nkluż fit-tender il-ġdid.

## 43.8 Mozzjonijiet; u

43.8.1 *Mozzjoni Proġett Central Link*

Inqrat il-Mozzjoni Annessa li kienet proposta mis-Sur Ralph Cassar u sekondata mis-Sinjuri Stefan Cordina, Marco Spiteri u John Debono.

- Is-Sur Alfred Zammit qal li jivvota kontra l-mozzjoni.
- Is-Sur Raymond Azzopardi qal li anka hu ma jaqbilx għax qal li ilha snin ippjanata bħalha by-pass.
- Is-Sur Spiteri qal li l-Kunsill mhux jgħid li hu kontra l-proġett imma li hemm ċertu mistoqsijiet li l-Kunsill saqsa li jeħtieġu risposta u qabe ma ssir wieħed irid jara hemmx alternatiivi oħra biex ma titteħidx ħafna raba.
- Is-Sur Cassar qal li hu kontra l-proġett imma għallinqas jiġu attwati l-affarijiet u tingħata risposta fuq il-punti mressqa. Is-Sur Debono qal li dak iż-żmien vera kienet issemmiet By-pass imma kienet tittieħed iktar raba imma l-proġett issa mhux qed jaħseb f'ħafna punti fosthom li hemm resident minn Pompa tal-Petrol sal-pompa l-oħra li bil-proġett u qed ngħidu madwar 1200 resident li mhux sa jkollhom aċċess

faċli għar-raħal.

Is-Sur Cordina qal li mbagħad jekk ma jkunx hemm alternattivi oħra ssir.

Votazzjoni: Favur 6 Kontra 2 Assenti 1
Mozzjoni għaddiet.

## 43.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

43.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għat-12 ta' Settembru 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 12 ta' Settembru 2018.

**IFFIRMATA**
Stefan Cordina
Sindku

**IFFIRMATA**
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv